Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Frar 2020**
**(OR. en)**

**6145/20**

**ECOFIN 90**
**UEM 28**
**SOC 58**
**EMPL 46**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 18 ta' Frar 2020 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 5821/20 |
| Suġġett: | Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2020<br>– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-18 ta' Frar 2020 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2020, kif imħejji mill-Kunsill fit-3749 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Frar 2020.

**RAPPORT DWAR IL-MEKKANIŻMU TA' TWISSIJA 2020**

– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JILQA' d-disa' Rapport dwar il-Mekkanizmu ta' Twissija tal-Kummissjoni li jagħti bidu għaċ-ċiklu annwali tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2020 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

2. JAQBEL B'MOD ĠENERALI mal-analiżi orizzontali tal-Kummissjoni tal-aġġustament tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-UE u fiż-żona tal-euro. JILQA' L-FATT li l-korrezzjoni gradwali tal-iżbilanċi eżistenti għadha għaddejja f'kuntest ta' kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli. JINNOTA li t-tnaqqis ta' stokkijiet kbar ta' dejn privat u tal-gvern għadu għaddej fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bis-saħħa tat-tkabbir nominali tal-PDG, iżda l-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern ġeneralment ma tnaqqsux biżżejjed fl-Istati Membri fejn huma l-ogħla. It-tfaddil nett fis-settur privat naqas speċjalment għas-settur domestiku. JINNOTA għalhekk li baqgħu jippersistu vulnerabbiltajiet marbuta ma' żbilanċi tal-istokkijiet li għadhom kbar, u li l-probabbiltà ta' tkabbir ekonomiku aktar modest, ambjent b'rati tal-imgħax baxxi u inċertezzi li jifdal jistgħu jimplikaw aġġustament aktar bil-mod tal-iżbilanċi eżistenti jew il-materjalizzazzjoni ta' riskji ġodda. Barra minn hekk, il-possibbiltà li jittaffew ix-xokkijiet permezz ta' tfaddil pubbliku u privat tvarja b'mod konsiderevoli madwar l-UE u hija limitata bi proporzjonijiet għolja ta' dejn f'għadd rilevanti ta' Stati Membri. JINNOTA li b'mod ġenerali defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti ġew ikkoreġuti, filwaqt li t-tnaqqis tal-akbar bilanċi favorevoli fil-kontijiet kurrenti kien wieħed modest. Il-bilanċ favorevoli aggregat taż-żona tal-euro għadu f'livell għoli.

3. JINNOTA li r-reżiljenza tas-settur bankarju qed titjieb, filwaqt li fi ftit Stati Membri r-rati ta' kapitalizzazzjoni u ta' profittabbiltà tal-banek għadhom relattivament baxxi, u għad hemm stokk kbir ta' self improduttiv. Is-swieq tax-xogħol komplew jitjiebu u l-qgħad niżel. Fl-istess ħin, l-issikkar tas-suq tax-xogħol jirfed it-tkabbir aktar rapidu fil-pagi li jwassal għal aċċellerazzjoni qawwija tal-kost ta' unità lavorattiva f'xi Stati Membri, peress li t-tkabbir tal-produttività jibqa' aktar moderat mit-tkabbir fil-pagi. Filwaqt li t-tkabbir fil-kost ta' unità lavorattiva kien ogħla f'pajjiżi kredituri netti milli f'pajjiżi debituri netti, din id-differenza qed tonqos u b'hekk l-iżviluppi fil-kompetittività tal-kostijiet qed isiru anqas favorevoli għal riekwilibriju aktar simetriku. Il-prezzijiet tad-djar komplew jiżdiedu b'rata mgħaġġla f'ħafna Stati Membri u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija fattur ta' tħassib li qed jikber, filwaqt li r-rata naqset f'xi Stati Membri b'evidenza aktar soda ta' sopravalutazzjoni u ta' dejn għoli tal-unitajiet domestiċi.

4. JAQBEL li biex tiġi żgurata l-istabbiltà, is-sorsi potenzjali ta' żbilanċi domestiċi u esterni jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' riformi strutturali. JISĦAQ li t-tkabbir imrażżan tal-produttività jibqa' ta' tħassib partikolari fil-kuntest ekonomiku diffiċli attwali, u JAPPELLA għal riformi strutturali u investiment biex iżidu l-produttività u l-potenzjal ta' tkabbir, u politiki li jimbuttaw 'il quddiem il-korrezzjoni ta' żbilanċi eżistenti. JAQBEL mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istati Membri li juru spazju limitat għall-assorbiment ta' xokkijiet negattivi marbuta mal-vulnerabbiltajiet tad-dejn għandhom isaħħu l-isforzi biex iżidu l-potenzjal ta' tkabbir li jipprevjeni r-riskju ta' tnaqqis fl-ingranaġġ proċikliku. Stati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti tagħhom għandhom isaħħu aktar il-kundizzjonijiet biex jippromwovu żidiet fil-pagi, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol tas-sħab soċjali u jimplimentaw, bħala prijorità, miżuri li jrawmu l-investiment pubbliku u privat, jappoġġaw id-domanda domestika u l-potenzjal ta' tkabbir, u b'hekk jiffaċilitaw ir-riekwilibriju. JIRRIKONOXXI li r-riekwilibriju simetriku tal-kontijiet kurrenti jista' jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha, u b'mod ġenerali jappoġġa t-tnaqqis fl-ingranaġġ fiż-żona tal-euro bħala entità sħiħa.

5. JIEĦU NOTA tal-iskrinjar ibbażat fuq il-qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li identifika t-13-il Stat Membru fejn ġew identifikati żbilanċi s-sena li għaddiet li jeħtieġu analiżi fil-fond biex jiġi vvalutat jekk l-iżbilanċi humiex qed jonqsu, jippersistu jew jiggravaw, b'kont meħud tal-implimentazzjoni ta' miżuri rilevanti biex jingħelbu l-iżbilanċi, inkluż dawk rakkomandati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

6. JINNOTA li jeżistu wkoll vulnerabbiltajiet li jeħtieġu monitoraġġ f'diversi Stati Membri li għalihom f'dan l-istadju ma hemmx bżonn ta' analiżi fil-fond. Żviluppi rigward l-akkumulazzjoni ta' sorsi possibbli ġodda ta' riskji makroekonomiċi jeħtieġ li jiġu sorveljati mill-qrib.

7. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-analiżijiet fil-fond jiffukaw fuq l-isfidi u r-riskji ewlenin tal-Istati Membri, u li jirrappurtaw dwar il-gravità tal-isfidi identifikati, l-evoluzzjoni tar-riskji, ir-rispons ta' politika meħud, u kwalunkwe lakuna ta' politika sabiex jiġu enfasizzati prijoritajiet ċari u tiġi żgurata azzjoni rapida. IFAKKAR li fil-valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi għandu jittieħed kont tal-effetti kollaterali negattivi potenzjali tagħhom, mil-lat ekonomiku u dak finanzjarju, għaż-żona tal-euro u l-UE.

8. JILQA' L-FATT li dan ir-rapport juża l-għodod raffinati u li għadhom kif ġew żviluppati biex jiġu identifikati l-iżbilanċi. JENFASIZZA l-ħtieġa li titkompla l-ħidma teknika biex jiġu megħjuna l-identifikazzjoni bikrija ta' sorsi ta' riskji makrofinanzjarji u l-monitoraġġ tal-iżvilupp tagħhom. JAPPELLA biex jiġu żviluppati u mtejba aktar l-għodod analitiċi u l-oqfsa biex jiġu vvalutati l-iżviluppi u l-ixpruni wara l-bini u s-soluzzjoni ta' żbilanċi u effetti kollaterali relatati.

9. JIKKUNSIDRA li l-monitoraġġ speċifiku tal-Istati Membri kollha identifikati bħala li għandhom żbilanċi jgħin biex irawwem implimentazzjoni effettiva ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati żbilanċi makroekonomiċi, permezz ta' djalogu ta' politika u rieżamijiet bejn il-pari. JILQA' r-rapporti ta' monitoraġġ speċifiċi ffukati tal-Kummissjoni b'tabelli standard li jiġbru fil-qosor il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma u JAQBEL b'mod ġenerali mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni u r-reazzjonijiet mill-Istati Membri li kellhom żbilanċi biex jindirizzaw il-lakuni fil-politika. JISSOTTOLINJA li l-attività ta' riforma għadha mhix uniformi madwar l-Istati Membri u li f'xi każijiet jista' jiġi osservat treġġigħ lura tar-riformi. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex issegwi b'mod konsistenti u effettiv u lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod ambizzjuż u konkret in-nuqqasijiet ta' politika bil-ħsieb li jiġu evitati u kkoreġuti l-iżbilanċi dannużi.

10. ITENNI li għandu jintuża l-potenzjal kollu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv meta din titqies adatta mill-Kummissjoni u l-Kunsill; JIDDIKJARA li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tipproponix il-ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv lill-Kunsill, jenħtieġ li tagħti spjegazzjoni għar-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament.

11. JIEĦU NOTA tal-analiżi u r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku f'konformità mar-Regolament 1176/2011 u ser jeżamina l-analiżi fi żmien debitu.